

Brussell, 6 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

13242/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0324(NLE)**

---

**ENER 492**  
**ATO 74**  
**POLCOM 131**  
**FDI 15**

### **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ottubru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 521 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 521 final.

Mehmuż: COM(2022) 521 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.10.2022  
COM(2022) 521 final

2022/0324 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' emendi proposti għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (CC 760) u l-approvazzjoni ta' (i) proposti ta' modifiki u bidliet fl-Annessi tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (CC 761), (ii) proposti ta' bidliet fil-Fehimiet, fid-Dikjarazzjonijiet u fid-Deċiżjonijiet (CC 762), u (iii) deċiżjoni rigward id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja ta' emendi għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u bidliet/modifiki fl-Annessi tiegħu (CC 763). L-adozzjoni tal-emendi għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u l-approvazzjonijiet addizzjonali għandhom jiġu mgħoddija simultanjament mill-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija.

#### **It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija**

It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (TKE) huwa ftehim kummerċjali u ta' investiment multilaterali applikabbli għas-settur tal-enerġija li ġie ffirmat fl-1994 u li daħal fis-seħħ fl-1998. It-TKE fih dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investimenti, il-kummerċ u t-tranżitu fil-materjali u l-prodotti tal-enerġija, u mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim. It-TKE jistabbilixxi wkoll qafas għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-enerġija bejn l-54 Parti Kontraenti tiegħu. L-Unjoni Ewropea hija parti għat-TKE<sup>1</sup>, flimkien mal-Euratom, 26 Stat Membru tal-UE<sup>2</sup>, kif ukoll il-Ġappun, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi mill-Balkani tal-Punent u tal-eks USSR, bl-eċċezzjoni tar-Russja<sup>3</sup> u l-Belarussja<sup>4</sup>.

#### **Il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija**

Il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija hija l-korp tat-tmexxija u tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-proċess tal-Karta tal-Enerġija u ġiet stabbilita mit-TKE. L-istati kollha jew l-Organizzazzjonijiet Reġjonali kollha għall-Integrazzjoni Ekonomika (bħall-UE) li ffirmaw jew li ssieħbu fit-TKE huma membri tal-Konferenza, li tiltaqa' fuq bażi regolari biex tiddiskuti kwistjonijiet li jaffettwaw il-kooperazzjoni fl-enerġija fost il-firmatarji tat-TKE, biex tirrieżamina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-TKE u tal-Protokoll fuq l-effiċjenza fl-enerġija u aspetti ambjentali relatati, u biex tikkunsidra strumenti ġodda possibbli u attivitajiet konġunti fi ħdan il-qafas tal-Karta tal-Enerġija. B'mod partikolari, il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija tadotta testi ta' emendi għat-TKE u tapprova modifiki u bidliet tekniċi fl-Annessi tat-TKE. Meta ssir votazzjoni fuq emendi proposti għat-test tat-TKE, il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija tgħaddi deċiżjoni biex jiġu adottati l-emendi b'vot unanimu tal-Partijiet Kontraenti preżenti u li jivvutaw. L-UE għandha għadd ta' voti ugwali għan-numru tal-Istati Membri tagħha li huma Partijiet Kontraenti għat-TKE, dment li l-UE ma teżerċita id-dritt tagħha li tivvota jekk l-Istati Membri tagħha jeżerċitaw tagħhom, u viċi versa.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq iċ-Charter tal-Enerġija u l-Protokoll taċ-Charter ta' l-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, pp. 1-116).

<sup>2</sup> Kollha, minbarra l-Italja li rtirat unilateralment fl-2015.

<sup>3</sup> Il-Konferenza straordinarja tal-Karta tal-Enerġija tal-24 ta' Ġunju 2022 irtirat l-istatus ta' osservatur tal-Federazzjoni Russa.

<sup>4</sup> Il-Konferenza straordinarja tal-Karta tal-Enerġija tal-24 ta' Ġunju 2022 irtirat l-istatus ta' osservatur tal-Belarussja u l-applikazzjoni provviżorja tat-TKE mill-Belarussja.

## **Id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija**

Fit-22 ta' Novembru 2022, matul it-33 laqgħa tagħha, il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija għandha tiegħu erba' deċiżjonijiet relatati mal-modernizzazzjoni tat-TKE. Dawn id-deċiżjonijiet se jittieħdu fl-istess ħin u l-iskop tagħhom huwa li:

- jadottaw l-emendi proposti għat-test tat-TKE (CC 760);
- japprovaw il-modifiki u l-bidliet proposti fl-Annessi tat-TKE (CC 761);
- japprovaw il-bidliet proposti fil-Fehimiet, fid-Dikjarazzjonijiet u fid-Deċiżjonijiet (CC 762); u
- japprovaw id-deċiżjoni dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja tal-emendi għat-test tat-TKE u l-bidliet/il-modifiki fl-Annessi tiegħu (CC 763).

Fin-nuqqas ta' xi aġġornament sostanzjali tat-TKE mis-snin disġin, it-TKE kulma jmur sar iktar antikwat. Sar ukoll wieħed mill-aktar trattati ta' investiment ikkontestati fid-dinja, bl-Istati Membri tal-UE jkunu l-mira ewlenija ta' talbiet mill-investituri, il-biċċa l-kbira tagħhom ibbażati f'pajjiżi oħra tal-UE. B'riżultat ta' dan, f'Novembru 2018 tnieda proċess ta' modernizzazzjoni. Il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija approvat għall-ewwel darba lista ta' suġġetti għad-diskussjoni, l-aktar dwar id-dispożizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-investimenti. Imbagħad, l-UE pproponiet it-tneħħija tal-protezzjonijiet għall-investimenti fil-fjuwils fossili, sabiex it-TKE jsir konformi mal-Ftehim ta' Pariġi.

Wara 15-il sessjoni ta' negozjati multilaterali li saru bejn Lulju 2019 u Ġunju 2022, intlaħaq "ftehim fil-prinċipju" biex jingħalqu n-negozjati fil-Konferenza straordinarja tal-Karta tal-Enerġija tal-24 ta' Ġunju 2022 fi Brussell. Imbagħad, it-test rivedut tat-TKE u l-Annessi tiegħu għaddew minn reviżjoni legali sa nofs Awwissu. Minn hemm 'il quddiem, l-abbozzi finali tad-deċiżjonijiet (CC 760, CC 761, CC 762 u CC 763) li fihom it-testi riveduti ġew kondiviżi fid-19 ta' Awwissu 2022 mal-Partijiet Kontraenti kollha, inklużi l-UE, il-Euratom, u l-Istati Membri kollha tal-UE li huma Partijiet Kontraenti għat-TKE.

Fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija fit-22 ta' Novembru 2022, id-deċiżjonijiet relatati mal-modernizzazzjoni tat-TKE se jkunu soġġetti għal vot ta' unanimità. Jekk il-vot ikun ta' suċċess, jiġifieri jekk l-ebda Parti Kontraenti ma tqajjem oġġezzjoni, id-deċiżjonijiet għall-modernizzazzjoni tat-TKE se jitqiesu "adottati" mill-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija. Din l-adozzjoni se tagħti bidu għal proċessi sussegwenti għar-ratifika, għall-applikazzjoni provviżorja, u għad-dħul fis-seħħ eventwali tad-diversi elementi tal-pakkett ta' riformi.

L-applikazzjoni provviżorja tal-emendi għat-TKE u l-elementi l-oħrajn tal-modernizzazzjoni se jkunu regolati mid-deċiżjoni dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja tal-emendi għat-test tat-TKE u l-bidliet/il-modifiki fl-Annessi tiegħu (CC 763). F'konformità ma' din id-deċiżjoni, il-modernizzazzjoni se tiġi applikata b'mod provviżorju mill-Partijiet Kontraenti kollha awtomatikament mill-15 ta' Awwissu 2023. Madankollu, qabel it-23 ta' Frar 2023 kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tagħti dikjarazzjoni lid-depożitarju (il-Portugall) li ma tistax taċċetta l-applikazzjoni provviżorja tal-emendi għat-TKE, u effettivament dan jippermetti lil kull Parti Kontraenti tagħżel li ma twettaqx l-applikazzjoni provviżorja. Is-Segretarjat tat-TKE se jagħmel tali dikjarazzjonijiet pubbliċi. Anke jekk Parti Kontraenti inizjalment tagħmel tali dikjarazzjoni, fi kwalunkwe ħin tista' tirtira d-dikjarazzjoni mill-ġdid, u b'hekk tkun tista' tapplika l-modernizzazzjoni tat-TKE b'mod provviżorju iktar 'il quddiem.

Din il-proposta għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tfittex li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija rigward id-deċiżjonijiet (CC 760, CC 761, CC 762 u CC 763) deskritti hawn fuq.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi l-adozzjoni ta' ftehim sussegwenti, skont it-tifsira tal-Artikolu 31(3)(a) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati (VCLT), bejn l-Unjoni Ewropea, il-Euratom, u l-Istati Membri dwar l-interpretazzjoni tat-TKE. Dak il-ftehim jenħtieġ li jinkludi, b'mod partikolari, konferma li t-TKE qatt ma applika, ma japplikax u mhux se japplika intra-UE, li t-TKE ma jistax iservi bħala bażi għall-proċedimenti ta' arbitraġġ intra-UE, u li l-klawżola ta' estinzjoni ma tapplikax intra-UE. Jenħtieġ li jistabbilixxi wkoll l-obbligi tal-Istati Membri f'każ li jkunu involuti fi proċedimenti ta' arbitraġġ skont talba bbażata fuq l-Artikolu 26 tat-TKE.

Kienet l-interpretazzjoni konsistenti tal-UE li t-TKE ma japplikax għal tilwim bejn Stat Membru u investitur ta' Stat Membru ieħor dwar investiment magħmul minn dan tal-aħħar fl-ewwel Stat Membru. Din l-interpretazzjoni ġiet ikkonfermata b'mod speċifiku mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fis-sentenza *Komstroy* tagħha<sup>5</sup>. Madankollu, it-tribunali tal-arbitraġġ sostnew u għadhom isostnu, li huma mhumiex marbuta bis-sentenzi tal-QĠUE. Sabiex it-tribunali ma jitħallewx ikomplu jaċċettaw guriżdzjoni f'tilwim bħal dan, huwa meħtieġ li tiġi mtennija, b'mod espliċitu u mhux ambigwu, l-interpretazzjoni awtentika tat-TKE. L-aktar mod xieraq kif isir dan huwa permezz ta' ftehim skont it-tifsira tal-Artikolu 31(3)(a) tal-VCLT.

Filwaqt li dak il-ftehim se jikkodifika l-interpretazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fi trattat separat (xi ħaġa li hija possibbli minħabba n-natura bilaterali tal-obbligi), il-modernizzazzjoni tat-TKE se tinkorpora fit-test innifsu u permezz ta' klawżola "għal ċertezza akbar", il-fehim tal-Partijiet Kontraenti kollha li l-Artikolu 26 tiegħu ma japplikax intra-UE. Iż-żewġ elementi se jgħinu biex titneħħa kwalunkwe ambigwità u biex jiġu eliminati r-riskji preżenti jew futuri tal-arbitraġġ intra-UE skont it-TKE bil-grad meħtieġ ta' ċertezza legali.

## **Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni**

Il-Kummissjoni tipproponi li tiegħu, f'isem l-Unjoni, fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija fit-22 ta' Novembru 2022, il-pożizzjonijiet deskritti fil-punti 1 sa 4 hawn taħt.

### *Fir-rigward tal-adozzjoni tal-emendi proposti għat-test tat-TKE (CC 760)*

L-emendi proposti għat-test tat-TKE (CC 760) jikkonsistu f'titjib sostanzjali li effettivament se jgħib it-TKE f'konformità mal-istandards moderni tal-protezzjoni tal-investimenti u l-pożizzjonijiet tal-UE f'fora oħra (eż. UNCITRAL<sup>6</sup>). L-emendi se jgħibu wkoll it-TKE konformi mal-approċċ tal-UE għall-protezzjoni tal-investimenti fil-ftehimiet dwar il-kummerċ ħieles u l-investiment maqbula reċentement, kif ukoll mal-oġettivi tal-enerġija u tal-klima tal-UE, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi.

B'mod partikolari, it-TKE emendat fih:

- **Dispożizzjonijiet ġodda dwar il-protezzjoni tal-investimenti, f'konformità mal-istandards moderni u l-pożizzjonijiet tal-UE**, li jafferma mill-ġdid id-dritt tal-Partijiet Kontraenti li jieħdu miżuri biex jilħqu oġettivi ta' politika leġittimi ("**id-dritt li jirregolaw**"), inkluż fir-rigward tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; Huma biss l-investituri b'interess ekonomiku reali li se jiġu protetti, mingħajr ma tingħata protezzjoni lill-kumpaniji fittizji<sup>7</sup>;

<sup>5</sup> Il-Kawża C-741/19 *Ir-Repubblika tal-Moldova vs Komstroy LLC*, it-2 ta' Settembru 2021.

<sup>6</sup> Il-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt Internazzjonali tal-Kummerċ.

<sup>7</sup> Il-kumpaniji fittizji huma kumpaniji li għandhom indirizz tan-negozju f'Parti Kontraenti għat-TKE mingħajr ma jkollhom xi attività ekonomika reali f'tali Parti Kontraenti, li jfittxu biss protezzjoni fil-qafas tat-TKE.

- **Dispożizzjonijiet ġodda dwar is-soluzzjoni tat-tilwim**, li jipproteġu lill-Partijiet Kontraenti minn talbiet frivoli, li jipprevedu s-sigurtà għall-kostijiet, u li jintroduċu livell għoli ta' trasparenza fil-proċedimenti;
- **Dispożizzjonijiet ġodda dwar l-iżvilupp sostenibbli**, b'mod partikolari dwar it-tibdil fil-klima, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-Ftehim ta' Pariġi, li jinkorporaw b'mod effettiv l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi fit-TKE, u jipprovdu mekkaniżmu azzjonabbli f'każ ta' allinjament ħażin, b'mod li qatt ma nkiseb qabel fi trattat multilaterali dwar l-investment;
- Barra minn hekk, l-UE żgurat dispożizzjonijiet għall-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali (bħall-UE), li jikkonfermaw b'mod espliċitu li **mhuwiex possibbli li l-arbitraġġ dwar l-investimenti intra-UE jinġieb skont it-TKE<sup>8</sup>**, f'konformità mal-ġuriżprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE<sup>9</sup>;
- **Kjarifiki sostanzjali rigward id-dispożizzjonijiet relatati mat-tranżitu** biex jitqiesu r-rekwiżiti tas-swieq integrati tal-enerġija bi drittijiet ta' aċċess ta' partijiet terzi, bħal fl-UE, mingħajr ma jinħolqu obbligi ġodda għall-UE<sup>10</sup>;
- **Definizzjoni aġġornata tal-attività ekonomika fis-settur tal-enerġija**, li, flimkien mal-Annessi EM/EM I, EQ/EQ I u NI (ara l-punt 2 hawn taħt), tippermetti lill-UE tallinja l-protezzjoni tal-investimenti fl-UE mal-oġġettivi tal-enerġija u tal-klima tal-UE.

L-adozzjoni tal-emendi għat-test tat-TKE, fil-prinċipju, ma għandhiex effetti legali. Skont id-dritt internazzjonali, mhijiex ekwivalenti għal firma iżda għall-inizjalar tat-test innegożjat.

B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tipproponi li tieħu pożizzjoni f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija **li tappoġġa** l-adozzjoni tal-emendi proposti għat-TKE (CC 760).

***Fir-rigward tal-approvazzjoni tal-modifiki u l-bidliet proposti fl-Annessi (CC 761)***

L-Artikolu 34(3)(m) tat-TKE jipprevedi proċedura ssimplifikata li tagħti s-setgħa lill-Konferenza li tadotta modifiki fl-Annessi tat-TKE. Il-bidliet proposti fl-Annessi tat-TKE (CC 761) iwasslu bidla essenzjali fit-Trattat attwali: l-esklużjoni, permezz tal-**Anness NI, ta' ċerti Materjali u Prodotti tal-Enerġija u attivitajiet mill-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-investimenti fil-qafas tal-Parti III tat-TKE**. B'riżultat ta' dan, l-UE kisbet id-dritt li ssawwar il-protezzjoni tal-investimenti fl-UE kif ġej:

- L-esklużjoni tal-protezzjoni għall-**investimenti l-ġodda kollha fil-fjuwils fossili fl-UE mill-15 ta' Awwissu 2023**, b'perjodu ta' tranżizzjoni għall-impjanti tal-enerġija lesti għall-gass li jaħdmu bl-idroġenu/b'livell baxx ta' karbonju u infrastruttura b'emissjonijiet ta' anqas minn 380 gCO<sub>2</sub>/kWh – sal-31 ta' Diċembru 2030 b'mod awtomatiku jew sal-15 ta' Awwissu 2033 jekk jissostitwixxu faċilità li taħdem bil-faħam, bil-pit jew bix-shale bituminuż;

<sup>8</sup> Tali talbiet kienu jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tat-talbiet kontra l-pajjiżi tal-UE fl-aħħar deċennju, minkejja l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, li d-dritt tal-UE jipprekludi l-arbitraġġ dwar l-investimenti intra-UE.

<sup>9</sup> Il-Kawża C-284/16 *Ir-Repubblika Slovakkja vs Achmea BV*, is-6 ta' Marzu 2018, u C-741/19 *Ir-Repubblika tal-Moldova vs Komstroy LLC*, it-2 ta' Settembru 2021.

<sup>10</sup> Huwa importanti li impenji ġodda relatati mal-aċċess ta' partijiet terzi, mal-mekkaniżmi tal-allokazzjoni tal-kapaċità u mat-tariffi huma impenji ta' mezzi, li huma "soġġetti għal"-liġijiet u r-regolamenti tal-UE, u għalhekk ikollhom jiġu rrispettati biss jekk ma jaffettwawx il-qafas legali tal-UE u l-impenji internazzjonali tal-UE.

- L-esklużjoni tal-protezzjoni għall-investimenti eżistenti kollha fil-fjuwils fossili fl-UE minn 10 snin wara d-dħul fis-seħħ (jew id-dħul fis-seħħ tal-applikazzjoni provviżorja) tal-emendi għat-TKE, u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2040;
- Il-protezzjoni għall-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u għall-fjuwils sintetiċi biss;
- L-esklużjoni tal-protezzjoni għall-attivitajiet fil-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju.

Il-bidliet proposti jgħibu wkoll **il-kamp ta' applikazzjoni tat-TKE konformi mal-pajsaġġ il-ġdid tat-teknoloġiji rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju meħtieġa għat-tranżizzjoni lejn l-enerġija ekoloġika. Dan se jinkiseb permezz ta' bidliet fl-Anness EM/EMI (iż-żieda ta' materjali u prodotti ġodda tal-enerġija, eż. l-idroġenu u fjuwils derivattivi bħall-ammonijaka u l-metanol, il-bijomassa, il-bijogass u l-fjuwils sintetiċi) u fl-Anness EQ/EQ I (iż-żieda ta' tagħmir ġdid tal-enerġija, eż. diversi materjali ta' iżolament, kif ukoll ħġieġ iżolanti b'diversi ħitan).**

Barra minn hekk, inħolqu Annessi ġodda biex jiġi implimentat **il-prinċipju tar-reċiproċità**, li skontu, il-Partijiet Kontraenti ma jistgħux jiġu mgħiegħla jipproteġu l-investimenti minn Partijiet Kontraenti oħra jekk tali investimenti jkunu ġew esklużi minn dawn tal-aħħar fl-Anness NI, jew billi ma jiġix applikat il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-istati fl-Artikolu 26 tat-TKE (**l-Anness IA-NI l-ġdid**) jew il-Parti III kollha dwar il-protezzjoni tal-investimenti (**l-Anness il-ġdid tat-TNP**).

B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tipproponi li tiegħu pożizzjoni f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija li **tapprova** l-adozzjoni tal-bidliet u l-modifiki proposti fl-Annessi tat-TKE (CC 761).

*Fir-rigward tal-approvazzjoni tal-bidliet proposti fil-Fehimiet, fid-Dikjarazzjonijiet u fid-Deċiżjonijiet (CC 762)*

Il-bidliet introdotti fil-Fehimiet, fid-Dikjarazzjonijiet u fid-Deċiżjonijiet (CC 762) jikkonċernaw korrezzjonijiet ta' dispożizzjonijiet obsoleti (eż. is-sostituzzjoni ta' "Komunitajiet Ewropej" b'"Unjoni Ewropea"), kif ukoll kjarifiki addizzjonali għat-test tat-TKE (eż. il-kjarifika li "sussidju" jinkludi "għajjnuna mill-Istat" kif definit fid-dritt tal-UE). L-approvazzjoni ta' dawn il-bidliet fil-Fehimiet, fid-Dikjarazzjonijiet u fid-Deċiżjonijiet se għib aktar ċarezza u preċiżjoni fit-test tat-TKE.

B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tipproponi li l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija dwar din il-kwistjoni hi li **tapprova** l-bidliet proposti fil-Fehimiet, fid-Dikjarazzjonijiet u fid-Deċiżjonijiet (CC 762).

*Rigward l-approvazzjoni tad-deċiżjoni dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja tal-emendi għat-test tat-TKE u l-bidliet/modifiki fl-Annessi tiegħu (CC 763)*

Il-Konferenza se tapprova deċiżjoni li tippredvi l-modalitajiet li ġejjin għad-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja tal-emendi proposti għat-TKE u l-bidliet fl-Annessi tiegħu (CC 763):

- **L-emendi għat-test tat-TKE** se jidħlu fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 42(4) tat-TKE. Dan ifisser li l-emendi se jidħlu fis-seħħ ladarba tliet kwarti tal-Partijiet Kontraenti jkunu rratifikawhom. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tippredvi li l-emendi se jiġu applikati provviżorjament b'mod awtomatiku mill-Partijiet Kontraenti kollha mill-15 ta' Awwissu 2023, sakemm ma jippreżentawx dikjarazzjoni sat-23 ta' Frar 2023 li ma jistgħux jagħmlu dan;

- **Bidliet fit-Taqsima C tal-Anness NI**, li b’mod partikolari fih ir-regoli li jipprevedu l-perjodu ta’ tranżizzjoni ta’ 10 snin biex titneħħa gradwalment il-protezzjoni tal-investimenti eżistenti fil-fjuwils fossili fl-UE , u **bidliet f’Annessi oħra**: dawn il-bidliet se jidħlu fis-seħħ meta jidħlu fis-seħħ l-emendi għat-TKE (ara hawn fuq). It-Taqsima C tal-Anness NI u l-bidliet f’Annessi oħra se jiġu applikati provviżorjament b’mod awtomatiku mill-Partijiet Kontraenti kollha sakemm ma jagħmlux dikjarazzjoni kuntrarja sat-23 ta’ Frar 2023 (ara hawn fuq);
- **Il-bidliet fit-Taqsima B tal-Anness NI**, li b’mod partikolari fiha r-regoli li jipprevedu l-esklużjoni ta’ investimenti ġodda fil-fjuwils fossili mill-protezzjoni fl-UE, se jidħlu fis-seħħ awtomatikament fil-15 ta’ Awwissu 2023 mingħajr ebda ratifika ulterjuri;
- **Il-bidliet fil-Fehimiet, fid-Dikjarazzjonijiet u fid-Deċiżjonijiet** se jidħlu fis-seħħ fit-22 ta’ Novembru 2022 sa fejn jikkonċernaw il-korrezzjonijiet ta’ referenzi obsoleti. Il-bidliet li jifdal se jidħlu fis-seħħ meta jidħlu fis-seħħ l-emendi għat-TKE. Sadanittant, dawn se japplikaw provviżorjament bl-istess mod bħall-emendi għat-TKE.

Il-modalitajiet tad-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja tal-emendi għat-TKE u għat-Taqsima C tal-Anness NI, kif ukoll il-bidliet f’Annessi oħra, huma konformi mad-dispożizzjonijiet tat-TKE oriġinali fir-rigward tad-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja. Barra minn hekk, l-UE kisbet li t-Taqsima B tal-Anness NI tidħol fis-seħħ awtomatikament mill-15 ta’ Awwissu 2023, u dan jiżgura ulterjorment id-data tad-dħul fis-seħħ tal-esklużjoni tal-UE marbuta mal-investimenti fil-fjuwils fossili fir-rigward ta’ investimenti ġodda.

B’riżultat ta’ dan, il-Kummissjoni tipproponi li l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija dwar din il-kwistjoni tkun li **tapprova** d-deċiżjoni rigward id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja tal-emendi għat-test tat-TKE u l-bidliet/il-modifiki fl-Annessi tiegħu (CC 763).

Is-suġġett tad-deċiżjonijiet previsti jikkonċerna qasam li għalih l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) tat-TFUE, jiġifieri l-politika kummerċjali komuni. Id-deċiżjonijiet previsti jikkonċernaw ir-regoli dwar il-kummerċ u l-protezzjoni tal-investment dirett barrani, li jaqgħu f’dan il-qasam ta’ kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

#### Bażi ġuridika proċedurali

##### *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE jipprevedi deċiżjonijiet li jstabilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”*.

Il-kunċett ta’ *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu*

*jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*<sup>11</sup>.

### *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija hija entità stabbilita bi ftehim, jiġifieri t-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

L-atti li l-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija hija mitluba tadotta, jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. Dawn l-atti se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali.

Id-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija biex jiġu approvati l-modifiki u l-bidliet proposti fl-Annessi tat-TKE (CC 761), kif ukoll biex jiġu approvati l-bidliet proposti fil-Fehimiet, fid-Dikjarazzjonijiet u fid-Deċiżjonijiet (CC 762), jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali vinkolanti skont id-dritt internazzjonali. Dan għaliex it-TKE jagħti lill-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija s-setgħa li temenda l-Annessi, il-Fehimiet, id-Dikjarazzjonijiet u d-Deċiżjonijiet tat-TKE mingħajr il-ħtieġa ta' xi ratifika sussegwenti mill-Partijiet Kontraenti. Skont l-Artikolu 48 tat-TKE, l-Annessi u d-Deċiżjonijiet huma parti integrali mit-Trattat.

Id-deċiżjoni li għandha tiġi adottata mill-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija biex tapprova d-deċiżjoni rigward id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja tal-emendi għat-test tat-TKE u l-bidliet/il-modifiki fl-Annessi tiegħu (CC 763) tikkostitwixxi att li għandu effetti legali vinkolanti skont id-dritt internazzjonali minħabba li tobbliga lill-Partijiet Kontraenti japplikaw b'mod provviżorju t-test emendat tat-TKE u l-bidliet f'ċerti taqsimiet tal-Annessi tiegħu mill-15 ta' Awwissu 2023, jekk ma tiġi ppreżentata l-ebda dikjarazzjoni kuntrarja qabel it-23 ta' Frar 2023.

Id-deċiżjoni li għandha tiġi adottata mill-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija biex jiġu adottati l-emendi proposti għat-test tat-TKE (CC 760) tikkostitwixxi, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, att li għandu effetti legali vinkolanti skont id-dritt internazzjonali minħabba li għandha tiġi adottata simultanjament mad-deċiżjoni dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja tal-emendi għat-test tat-TKE (CC 763 – ara hawn fuq), li tobbliga lill-Partijiet Kontraenti japplikaw b'mod provviżorju dawn l-emendi mill-15 ta' Awwissu 2023 jekk ma tiġi ppreżentata l-ebda dikjarazzjoni kuntrarja qabel it-23 ta' Frar 2023.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tat-TKE.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

### **Bażi ġuridika sostantiva**

#### *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tad-deċiżjonijiet previsti li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk id-deċiżjonijiet previsti jkollhom żewġ objettivi jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-objettivi jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidental, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-objettiv jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta' deċiżjonijiet previsti li jimmiraw li jilħqu għadd ta' objettivi simultanjament, jew li għandhom diversi komponenti, li huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma

<sup>11</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi ġuridika sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

#### *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Id-deċiżjonijiet previsti jimmiraw li jilħqu l-oġettivi u għandhom komponenti fil-qasam tal-enerġija u l-politika kummerċjali komuni. Dawn l-elementi tad-deċiżjonijiet previsti huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta tikkonsisti mid-dispożizzjonijiet li ġejjin: l-Artikoli 194(2) u 207 tat-TFUE.

#### **Konklużjoni**

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni tal-Kunsill proposta jenħtieġ li tkun l-Artikoli 194(2) u 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

#### **Pubblikazzjoni tal-atti previsti**

Peress li d-deċiżjonijiet tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija se jemendaw l-Annessi tat-TKE, jixraq li dawn jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħhom.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 194(2) u 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (“il-Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta’ Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq iċ-Charter tal-Enerġija u l-Protokoll taċ-Charter tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, pp. 1-116) u daħal fis-seħħ fis-16 ta’ April 1998.
- (2) Skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim, il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija tadotta testi ta’ emendi għall-Ftehim u tapprova modifiki u bidliet teknoloġiċi fl-Annessi tal-Ftehim.
- (3) Il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija, matul it-33 laqgħa tagħha fit-22 ta’ Novembru 2022, għandha tadotta l-emendi proposti għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (CC 760) u għandha tapprova (i) il-modifiki u l-bidliet proposti fl-Annessi tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (CC 761), (ii) il-bidliet proposti fil-Ftehimiet, fid-Dikjarazzjonijiet u fid-Deċiżjonijiet (CC 762), u (iii) id-deċiżjoni dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja ta’ emendi għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u l-bidliet/il-modifiki fl-Annessi tiegħu (CC 763).
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija billi l-atti msemmija hawn fuq ikunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Fin-nuqqas ta’ xi aġġornament sostanzjali tal-Ftehim mis-snin disgħin, il-Ftehim kulma jmur sar dejjem iktar antikwat. Jixraq li l-Ftehim jiġi emendat biex jiġi allinjat mal-prinċipji tal-Ftehim ta’ Pariġi, mar-rekwiżiti tal-iżvilupp sostenibbli u mal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, kif ukoll ma’ standards moderni ta’ protezzjoni tal-investimenti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija għandha tkun li ġejja:

- (a) li tappoġġa l-adozzjoni mill-Konferenza tal-emendi proposti għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (CC 760);

- (b) li tapprova l-modifiki u l-bidliet proposti fl-Annessi tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (CC 761);
- (c) li tapprova l-bidliet proposti fil-Fehimiet, fid-Dikjarazzjonijiet u fid-Deċiżjonijiet (CC 762); u
- (d) li tapprova d-deċiżjoni dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja tal-emendi għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u l-bidliet/modifiki fl-Annessi tiegħu (CC 763).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*